

Brussell, 24 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10307/22

TELECOM 276
CYBER 225
COMPET 506
MI 483
FIN 699

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Ġunju 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9616/22	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 03/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri: " <i>Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti</i> " - Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Ġunju 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti", adottat mill-Kunsill (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) fit-3882 laqgħa tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2022.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

**dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri
dwar**

"Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

– fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-eżami tar-rapporti speċjali mfassla mill-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza¹;

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 03/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem: *"Tnedija tal-5G fl-UE: dewmien fl-introduzzjoni tan-networks, u problemi ta' sigurtà jibqgħu mhux solvuti"*², li b'mod ġenerali jkopri l-perjodu bejn l-2016 u Mejju 2021.
2. JENFASIZZA l-importanza strateġika tal-implimentazzjoni f'waqtha ta' networks 5G ta' kwalità għolja fl-UE biex jiġu permessi mudelli ta' negozju innovattivi u servizzi pubbliċi essenzjali għall-funzjonament tas-suq intern.
3. JENFASIZZA li d-dewmien fl-assenjazzjoni tal-ispettru jista' jiġi attribwit għal raġunijiet differenti u li s-sitwazzjoni f'termini tal-implimentazzjoni tal-5G setgħet evolviet f'ċerti Stati Membri minn meta nġabret u għet ipproċessata d-data. Għalhekk, JENFASIZZA l-importanza li tintuża data vverifikata u l-ħtieġa ta' konklużjonijiet ibbażati fuq kriterji/metodoloġija ċari.

¹ 7515/00 + COR 1

² WK 5636/22 INIT

4. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar is-sinifikat tal-5G għall-ekonomija Ewropea u l-ħtieġa li jitnaqqsu r-riskji għas-sigurtà marbuta mal-5G, li fihom APPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA, biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa fi ħdan il-kompetenzi tagħhom biex jiżguraw is-sigurtà u l-integrità tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika, b'mod partikolari n-networks 5G, u jkomplu jikkonsolidaw approċċ koordinat biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà relatati mat-teknoloġiji 5G u biex jiġu identifikati metodoloġiji u għodod komuni u effettivi għat-tnaqqis tar-riskji marbuta man-networks 5G³.
5. IFAKKAR fl-approċċ kollaborattiv b'saħħtu tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni li wassal għall-adozzjoni tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G tal-UE⁴, li jipprovdi qafas ta' miżuri biex jittaffa t-theddid għas-sigurtà assoċjat man-networks 5G bil-ħsieb li jiġi promoss livell adegwat ta' ċibersigurtà ta' tali networks fis-suq intern.
6. JENFASIZZA l-importanza li l-Istati Membri jiksibu l-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet rilevanti fuq fornituri ta' riskju għoli għal assi ewlenin definiti bħala kritiċi u sensitivi fil-valutazzjonijiet tar-riskju kkoordinati tal-UE⁵.
7. JENFASIZZA li s-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G tal-UE jirrappreżenta strument aġli bbażat fuq ir-riskju biex jindirizza l-isfidi identifikati tas-sigurtà, li jippermetti li l-aspetti taċ-ċibersigurtà tal-5G jiġu ttrattati fil-ħin u b'mod effiċjenti, filwaqt li jiġu rispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, u r-responsabbiltà unika tagħhom għas-sigurtà nazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż fil-qasam taċ-ċibersigurtà.

³ ST 14517/19

⁴ [Iċ-ċibersigurtà tan-networks tal-5G: Sett ta' għodod tal-UE ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji](#), maqbul mill-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS

⁵ [Konklużjonijiet](#) tal-laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, EUCO 13/20

8. IFAKKAR fir-rekwiżit iddikjarat mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha, Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa⁶, li kwalunkwe negozju li jipprovdi servizzi liċ-ċittadini tal-UE għandu jaċċetta u jirrispetta r-regoli tal-UE.
9. JIEĦU NOTA tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u JIRRIKONNOXXI b'mod partikolari li:
- mhux l-Istati Membri kollha jirreferu għall-oġettivi tal-Kummissjoni fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom għall-5G jew fil-pjanijiet tagħhom għall-broadband;
 - il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (KEKE)⁷ għadu ma ġiex traspost fl-Istati Membri kollha;
 - l-ispettru għan-networks 5G ma ġiex assenjat, jew ma ġiex assenjat kompletament, fl-Istati Membri kollha;
 - il-probabbiltà li bejjiegħ ikun suġġett għal interferenza mill-gvern ta' pajjiż mhux tal-UE hija fattur importanti ddefinit fis-sett ta' għodod bħala li jiddetermina l-profil tar-riskju ta' bejjiegħ; il-kriterji għall-valutazzjoni ta' din l-interferenza potenzjali jinkludu karatteristiċi tal-qafas legali tal-pajjiż terz, inkluż jekk jiggarrantixxix livell suffiċjenti ta' protezzjoni tad-data.
10. JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw ir-Rapport Speċjali⁸ u l-aċċettazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali mill-Kummissjoni.
11. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali u jħeġġiġhom jikkunsidraw daww ir-rakkomandazzjonijiet meta jelaboraw il-politiki tagħhom dwar l-iżvilupp tan-networks 5G tagħhom filwaqt li jiżguraw is-sigurtà ta' daww in-networks bl-applikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G, fid-dawl ta' kwistjonijiet ġodda ta' sigurtà li jirriżultaw minn xejriet u żviluppi teknoloġiċi fil-katina tal-provvista tal-5G.

⁶ [Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa](#)

⁷ Direttiva (UE) 2018/1972

⁸ [Tweġibiet tal-Kummissjoni](#)

12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-Istati Membri biex tirrakkomanda politiki u miżuri sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej ta' konnettività u l-kopertura 5G taż-żoni popolati kollha fl-Unjoni sal-2030, filwaqt li jitqiesu fatturi ġeopolitiċi u ekonomiċi kruċjali - bħall-aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna - li jistgħu jfixxlu l-progress fil-kisba ta' tali miri u jkollhom konsegwenzi sinifikanti f'termini ta' koordinazzjoni transfruntiera tal-Istati Membri ma' pajjiżi mhux tal-UE.
13. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-ENISA, u lill-Istati Membri biex ikomplu l-kooperazzjoni koordinata tal-UE dwar il-miżuri ta' sigurtà tal-5G u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà tal-5G u biex jivvalutaw il-ħtieġa ta' approċċ aktar omoġenju għall-użu tal-elementi tiegħu.
